**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Clayton Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 802/15**

**Illum, 4 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Clayton Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 520592M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Mejju 2015 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma li teccedi l-mitejn u tnejn u tletin

euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma teccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija Aramex Limited u/jew Persuni ohra.

2. U aktar talli ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa kkwalifikat bil-valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-Persuna, ghad-dannu tal-kumpanija Aramex u/jew id-diretturi taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 18, 293, 294, 268, 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li llum l-imputat hallas ghas-saldu ta' kull pretensjoni, il-Qorti ssib lill-imputat Clayton Schembri hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

_______________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**